**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta’ Ottubru, 2024

Rikors Ġuramentat: 225/22/2AL

**A B**

**vs.**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat 4 ta’ Marzu 2024 li permezz tiegħu l-konvenut ppremetta kif ġej:

*1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax (18) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) u miz-zwieg taghhom twieled tifel D B, illum maggorenni;*

*2. Illi l-partijiet ormai ilhom għaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni mis-sena elfejn u tnejn u ghoxrin(2022);*

*3. Illi jirrizulta illi bejn il-partijiet m'għadhiex tezisti l-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u fil fatt huma ilhom jghixu separati anke fizikament, ghal diversi snin;*

*4. Illi sal-lum il-proceduri odjerni ghadhom fi stadju ta' provi attrici, izda sal-lum jirrizulta li l-inkartament kollu pertinenti ghall-kontijiet bankarji u assi mobbli li l-partijiet ghandhom u kellhom tul iz-zwieg, jinsab in atti, u tressqu mir-rapprezentanti tal-banek lokali u awtoritajiet relattivi quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci;*

*5. Illi aktar minn hekk, l-attrici ntavolat zewg mandati ta' Inibizzjoni (Dok A, DokB) fir-rigward tal-kumpanniji ezistenti fiz-zwieg, kif ukoll fir-rigward tal-propjeta' immobbli li tappartieni l-komunjoni;*

*6. Illi ghalhekk il-konsistenza tal-assi matrimonjali tinsab fl-atti processwali, anke jekk sal-lum m'hemmx qbil dwar l-eventwalita` divizjoni u likwidazzjoni tal-istess;*

*7. Illi ghalhekk l-esponent jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dispositiv tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u qed jitlob li dina l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-kontendenti;*

*8. Illi t-talba tal-esponent bl-ebda mod ma tippregudika lill-attrici, anzi l-esponent jikkontendi illi huwa fl-interess taz-zewg partijiet li jkunu jistghu jagixxu f'atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll li ma jibqghux responsabbli għad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel; liema hsieb gie anke kondiviz mill-Qorti tal- Appell fil-kaz Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciz fit-28 ta' Marzu 2014 fost hafna gurisprudenza ohra;*

*9. Illi f'dar-rigward, il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi*

*"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jagħti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.......t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*[1] *(Emfasi Mizjuda);*

*10. Illi b'zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat ukoll illi l-attrici fir-rikors guramentat taghha wkoll talbet ghax-xoljiment u t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u ghaldaqstant, hi m'ghandhiex għalfejn topponi ghall-istess talba imressqa permezz tar-rikors odjern;*

*Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-art. 55 tal-Kap 16, kif ukoll*
*2. tordna li l-istess ordni tigi nnotifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u timponi fuqu terminu, sabiex istess ordni tigi debitament registrata minn l-istess direttur.*

Rat ir-risposta tal-attriċi tal-5 ta' Lulju 2024 f'liema ġie premess illi:

*1. Illi permezz ta' rikors intavolat fl-4 ta' Marzu 2024, l-intimat talab li tiġi tterminata l- komunjoni tal-akkwisti vigenti bejn il-partijet;*

[1] Rik. Ġur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.

*2. Illi l-esponenti toġġezzjoni bil-qawwa kollha għal tali talba stante li, kif ser jiġi spjegat f'din ir-risposta u kif anki qiegħed jirriżulta mill-provi, hija ilha żmien twil imċaħħda milli tagħmel użu mill-assi tal-komunjoni. Għaldaqstant, l-akkoljiment ta' tali talba iwassal biex jinħoloq preġudizzju mhux proporzjonat għall-esponenti, anki peress li b'hekk hija ser titlef ukoll il-profitti mill-ikbar ass tal-komunjoni, ossia O'Reilly's Pub, li preżentement qiegħed jiġi gestit mill-intimat;*

*3. Illi l-partijiet iżżewġu fit-18 ta' Settembru 1995, u minn dan iż-żwieġ kellhom tifel, illum maġġorenni. Matul iż-żwieġ - bi flejjes tal-komunjoni u b'ħafna sagrifiċċji da parti tal-esponenti - l-intimat xtara l-ishma f'kumpanija O'Reilly's Limited, li topera pub ġewwa Bugibba. L-esponenti dejjem appoġġjat lil żewġha u tat sehma f'tali negozju, tant li kienet tmur ta' kuljum tgħinu f'dak li jkun hemm bżonn. Madakollu, meta r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet bdiet tirkadi, l-esponenti mhux talli nqatgħet kompletament 'il barra min-negozju u mill-frott tiegħu, talli saħansitra skopriet li tul is-snin kollha li għamlet taħdem hemmhekk, hija lanqas biss kienet ġiet irregistrata bħala impjegata, u għalhekk lanqas hija intitolata għall-pensjoni kontributorja!*

*4. Illi, kif anki rriżulta mill-provi, kien hemm perjodu fejn dan il-pub inkera lil terzi għall-ammont ta' €85,775 fis-sena (vide l-kuntratt ta' kera datat 16 ta' April 2019, u esebit mal-affidavit tal-esponenti bħala Dok LG1d). Minkejja diversi komunikazzjonijiet u interpellazzjonijiet da parti tal-attriċi, l-intimat żamm dan il-qligħ kollu għalih, u ma ta assolutament xejn lill-attriċi, minkejja illi hija intitolata għal nofs l-introjtu kollu;*

*5. Illi di piu minkejja li l-intimat qiegħed jerġa' jopera l-pub huwa stess, għal darboħra huwa baqa' jżomm l-introjtu kollu għalih. Di fatti, l-esponenti ilha snin twal ma tirċievi xi forma ta' ħlas mingħand l-intimat (minkejja li dawn huma flusha stess);*

*6. Illi, saħansitra agħar minn hekk, matul in-negozjati li saru bejn il-partijiet bit-tama li jaslu fi ftehim bonarju, l-esponenti skopriet li l-accounts uffiċjali tal-kumpanija ma jirriflettux is-sitwazzjoni reali tagħha, b'mod illi tqanqlu fiha suspetti serji li l-intimat qiegħed jipprova jċaħħadha minn sehmha fil-komunjoni tal-akkwisti. Dwar dan, l-esponenti ser tkun kostretta tipproċedi b'talba għall-ħatra ta' espert komputista, sabiex issir valutazzjoni reali u /gusta tal-valur tal-kumpanija;*

*7. Illi s-sitwazzjoni tal-esponenti llum-il ġurnata tant hija mwiergħa li hija spiċċat żgumbrata mid-dar matrimonjali, stante li tali dar kienet tappartjeni lill-ġenituri tal-intimat, li fetħu kawża kontriha sabiex jiżgumbrawha (vide r-rikors guramentat 180/2023 JVC, il-verbal fejn l-esponenti ntrabtet li tivvaka l-fond, naturalment għaliex ma kellhiex għażla oħra, u l-irċevuta tar-ritorn taċ-ċwievet - Dok A - C). Irid jingħad li, matul iż-żwieġ, l-esponenti kienet kemm-il darba tipprova tikkonvinci lil żewġha sabiex jixtru residenza, iżda l-intimat kien dejjem jinsisti li jkun aħjar li l-flus jiġu investiti fin-negozju, peress li dan jiġġenera iżjed u jista' jservi bħala pensjoni għalihom it-tnejn;*

*8. Illi għalhekk l-esponenti tinsab f'sitwazzjoni fejn kellha toħroġ taħdem, u qed ikollha tonfoq porzjon konsiderevoli mill-paga tagħha fuq kera, u dan minkejja li l-introjtu tagħha huwa ferm inqas minn dak li idaħħal l-intimat min-negozju tal-pub (vide l-aħħar tliet payslips tal-esponenti - Dok D1 - D3, il-kuntratt ta' kera tal-fond li fih qiegħda tgħix - Dok E, u prova tal-pagament tal-kera - Dok F);*

*9. Illi, f'dan il-kuntest, huwa fl-interess assolut tal-esponenti li l-komunjoni ma tiġix itterminata qabel ma tiġi ppronunzjata l-firda personali bejn il-partijiet, u dan sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija tibqa' kemm jista' jkun preservata u tiġi ddeterminata l-konsistenza tal-assi tal-komunjoni. Barra minn hekk, l-esponenti tissottometti li l-pub u n-negozju inkwistjoni*

*jappartjenu lill-komunjoni, u b'hekk ma għandux ikun l-intimat li esklussivament jitħalla jagħmel profitt minn fuq tali ass tal-komunjoni;*

*10. Illi, jekk dan jitħalla li jsir, dan sejjer mhux biss joħloq preġudizzju serju lill-esponenti li tiġi mċaħħda mill-profitti ġġenerati minn proprjeta' tal-komunjoni, iżda sejjer ukoll ikompli jservi sabiex l-intimat jibqa' jirrifjuta li jbiegħ in-negozju inkwistjoni lil terzi għal prezz gust, sabiex l-esponenti tkun tista' verament u finalment tieħu sehmha minnu;*

*11. Illi jerġa' jiġi enfasizzat li n-negozju seta' jiġi ffurmat biss b'diversi sagrifiċċji li għamlet ukoll l-esponenti, li ħadmet qatigħ fin-negozju; ikkontribwiet assi parafernali tagħha sabiex jinqata' l-loan li kellhom il-partjiet għall-istess negozju; u aċċettat u emmnet il-wegħda ta' żewġha l-intimat li n-negozju kien ser iservi bħala pensjoni għalihom it-tnejn;*

*12. Illi ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-12 ta' Lulju 2023, fl-ismijiet 'Emanuel sive Noel Ciantar v. Antonia sive Antonella Ciantar Lautier' (Referenza Nru 230/21/2 AGV). F'din il-kawża, l-intimata Ciantar opponiet għat-talba ta' żewġha sabiex tiġi tterminata l-komunjoni, u dan peress li sostniet li kienet ser issofri preġudizzju sproporzjonat jekk żewġha jitħalla japprofitta esklussivament mill-profitti ġġenerati mill-minibus li kienet inxtrat fiż-żwieġ. Kemm l-Ewwel Qorti u kemm il-Qorti tal-Appell qablu li l-komunjoni ma kellhiex tiġi tterminata f'dak l-istadju, u l-Qorti tal-Appell sostniet li:*

*"45. Din il-Qorti tenniet diversi drabi li l-ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tirreferi għall-futur u mhux għal passat u ma taffettwax l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti sad-data tal-ordni ta' waqfien (ara sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Marzu, 2019 fl-ismijiet Pierre Darmanin v. Louise Darmanin). Filwaqt li huwa minnu li l-appellata, f'każ ta' waqfien tal-*

*komunjoni tal-akkwisti, tibqa' intitolata għal sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti u dejjem jibqa' d-dritt li tistabbilixxi l-konsistenza tal-assi (inkluż għalhekk in-negozju tal-minibus) u li tħares l-interessi tagħha bir-rimedji kawtelatorji disponibbli għaliha fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili, madankollu l-appellata se titlef il-profitti li jirriżultaw mill-vjaġġi u mill-ġestjoni tal-minibus liema minibus hija frott ta' investiment li sar mill-partijiet ftit tas-snin ilu."*

*13. Illi għaldaqstant l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti tappunta r-rikors de quo għas-smigħ sabiex l-esponenti tkun tista' tipproduċi l-provi kollha neċessarji, u sussegwentement tiċħad it-talba tal-intimat għat-terminazzjoni tal-komunjoni, bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza;[2]

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-azzjoni odjerna**

Permezz tar-rikors odjern il-konvenut qiegħed jitlob illi din il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet *a tenur* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16. Huwa jgħid li l-proċeduri ta' separazzjoni ilhom għaddejjin mill-2022 u għadhom fil-provi attriċi iżda sal-lum jirriżulta li l-inkartament kollu pertinenti għall-kontijiet bankarji u assi mobbli li l-partijiet għandhom u kellhom tul iż-żwieġ jinsab in atti, kif ukoll ġew intavolati żewġ mandati ta' Inibizzjoni fir-rigward tal-kumpaniji eżistenti fiż-żwieġ, kif ukoll fir-rigward tal-proprjetà immobbli li tappartjeni l-komunjoni. Għalhekk jgħid li l-konsistenza tal-assi matrimonjali tinsab fl-atti proċesswali u għalhekk ikun fl-interess tat-tnejn li jkunu jistgħu jaġixxu

[2] Digriet tad-9 ta' Lulju 2024.

f'atti ċivili mingħajr il-kunsens ta' xulxin u ma jibqgħux responsabbli għad-djun li kull parti tista' tagħmel.

L-attriċi minn naħa tagħha topponi li f'dan l-istadju tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti għaliex l-akkoljiment tat-talba iwassal biex jinħoloq preġudizzju mhux proporzjonat għaliha peress li hija ilha żmien twil tiġi mċaħħda milli tagħmel użu mill-assi tal-komunjoni u anke peress li b'hekk hija ser titlef ukoll il-profitti mill-ikbar ass tal-komunjoni ossia O'Relly's Pub, li huwa ġestit preżentament mill-konvenut.

2. **Prinċipji legali:**

L-artikolu rilevanti għat-talba odjerna huwa l-artikolu 55 tal-Kap 16 li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separatali teżisti bejn il-partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

Dan l-artikolu għalhekk jagħti l-fakultà lil xi parti jew oħra titlob, f'kull żmien matul is-smiegħ tal-kawża ta' separazzjoni personali bejn l-istess partijiet, it-terminazzjoni tar-reġim matrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti. Fil-fatt jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**[3], illi: "*In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre,*

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014.

*l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Għalkemm kull parti tista' f'kull żmien tal-kawża għalhekk titlob il-waqfien tal-komunjoni, is-sub-inċiz 4 kif ċitat, jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti, l-Qorti għandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati **preġudizzju mhux proporzjonat** bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawża. Jinkombi fuq dik il-parti li topponi t-talba li tressaq provi sodisfaċenti illi bit-terminazzjoni ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat.

Tgħallem il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell *sive* Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**[4] *"Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'zewg stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti tezamina jekk l-oggezzjoni jew l-oggezzjonijiet imressqa humiex oggettivament rilevanti ghall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inciz 4. F'kaz li l-oggezzjoni tissupera l-ewwel gharbiel jehtieg li l-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeciedi jekk l-oggezzjoni, oggettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfacentement illi fl-ewwel lok ser tbati pregudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirrizulta pregudizzju, jekk tali pregudizzju hux proporzjonat jew le."*

Għaldaqstant, il-Qorti meta ssirilha talba ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, għandha tikkonsidra jekk l-oġġezzjonijiet sollevati għal tali talba humiex:

1. Relevanti għall-finijiet tal-Artikolu 55; u

2. Humiex tali li jissarrfu fi preġudizzju mhux proporzjonat u konsegwentement jiġġustifikaw iċ-ċaħda tat-talba għall-

[4] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-16 ta' Settembru 2014 (Rik. Ġur. Nru. 139/12/RGM).

waqfa tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum viġenti bejn il-partijiet.

Il-Qorti għandha tilqa' t-talba salv għal dawk il-**każijiet eċċezzjonali** fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra. Kif qalet il-Qorti diversi drabi "*Dan il-preġudizzju mhux proporzjonat, oltre li għandu jkun ippruvat minn min jallegah, irid ikun abbastanza gravi biex il-Qorti tiżvija mir-regola ġenerali u tabbraċċja l-eċċezzjoni.*" [5]

Għalhekk jinkombi fuq min joġġezzjona illi jipprova illi huwa ser isofru preġudizzju abbastanza gravi iżda ma jitlobx lil min jagħmel it-talba li jimmotiva t-talba tiegħu: *"Hija l-fehma tal-Qorti illi f'rikorsi simili mhux mehtieg li r-rikorrent jimmotiva t-talba tieghu. L-artikolu 55 tal-Kap 16 ma jistipula l-ebda obbligu da parti tar-rikorrent li jimmotiva t-talba tieghu. It-talba ghat-terminazzjoni fil-mori ta' kawza hija motivata bizzejjed fiha innifisha peress li l-hsieb tal-Legislatur kien li pendenti l-kawza tas-separazzjoni il-partijiet ikunu jistghu jibdew jaghmlu atti civili minghajr il-htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra u minghajr il-possibilita` li jghabbu l-komunjoni tal-akkwisti b'dejn addizzjonali. Ghalhekk ghandha tapplika l-massima legali "ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit".*

L-għan tal-leġiżlatur filfatt kien proprju dan u huwa mfisser fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** fejn il-Qorti tal-Appell stqarret illi, huwa fl-interess taż-żewġ partijiet illi tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti u b'hekk ma jkunx possibbli għall-partijiet illi jgħabbu l-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra. Jiġi spjegat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**[6] illi "*Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex*

---

[5] Claire Pisani vs Joseph Pisani, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Ottubru 2018 (Rik. Ġur. Nru. 2/15AL).
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019.

*ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli."*

Finalment huwa kruċjali illi wieħed isemmi illi jirriżulta minn dan l-artikolu li l-Qorti, meta ssirilha talba taħt dan l-Artikolu, bl-ebda mod ma tista' f'dak l-istadju taqsam u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Il-Qorti tkun qiegħda biss tikkonsidra x-xoljiment tagħha. Il-qasma u l-assenjazzjoni tagħha jibqgħu materji riżervati għas-sentenza definittiva.

### 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-każ odjern

Għaldaqstant *in vista* tal-liġi u tal-ġurisprudenza abbundanti fuq dan is-suġġett, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tevalwa jekk l-oġġezzjonijiet tal-attriċi humiex relevanti għall-finijiet tal-Artikolu ċitat u jekk jirriżulta fil-pożittiv, jekk humiex tali li jistgħu jirrekawlha preġudizzju sproporzjonat .

Il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi jirnexxielha tgħaddi l-ewwel stadju il-għaliex l-argumenti tagħha huma relatati direttament mal-komunjoni tal-akkwisti u mhux mad-diversi lanjanzi oħra eżistenti bejn il-partijiet. Għalhekk il-Qorti hawn trid tara jekk tali oġġezzjonijiet issa jiġġustifikawx iċ-ċaħda tat-talba ta' l-attriċi għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

L-oġġezzjoni tal-attriċi ddur mal-ikbar ass tal-komunjoni proprju l-kumpanija O'Reilly's Limited li topera pub ġewwa Buġibba. Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet illi dan l-ass jifforma parti mill-komunjoni, iżda l-attriċi tgħid li "*Matul iż-żwieġ – bi flejjes tal-komunjoni u b'ħafna sagrifiċċji da parti tal-esponenti- l-intimat xtara l-ishma f'kumpanija O'Reilly's Limited, li topera pub ġewwa Buġibba. L-esponenti dejjem appoġjat lil żewġha u tat sehma f'tali negozju, tant li kienet tmur tgħinu f'dak li jkun hemm bżonn."* Hija tilmenta li meta l-affarijiet bdew sejrin lura hija nqgħatet kompletament 'il barra

minn dan in-negozju u l-frott tiegħu u fil-fatt tgħid li l-konvenut qed iżomm l-introjtu tal-pub kollu għalih. Tgħid li skopriet li l-*accounts* uffiċjali tal-kumpanija ma jirriflettux is-sitwazzjoni reali tagħha u dwar dan ser tkun kostretta tagħmel talba sabiex jitqabbad espert komputista. Tgħid li minflok ma xtraw residenza għalihom, fuq insistenza ta' żewġha, investew ġidhom fin-negozju li issa qed igawdi minnu biss il-konvenut.

Il-Qorti tibda billi ttenni l-prinċipju li dejjem[7] ħadnet u *ċioé* illi dak li sal-lum huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa' hekk sakemm ikun hemm il-qasma tal-proprjetà tal-partijiet. Għaldaqstant dak kollu illi illum jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, ser jibqa' hekk jappartjeni lill-istess komunjoni, irrispettivament minn min ikollu l-pussess tal-istess assi. Dan ifisser illi jekk ikun ippruvat illi l-konvenut għandu fil-pussess tiegħu xi assi li kiseb sat-tmiem tal-komunjoni tal-akkwisti, dawna ser jibqgħu taż-żewġ partijiet u jiġu assenjati skont il-liġi, fid-deċiżjoni finali ta' din il-Qorti.

Kif tgħid il-Qorti tal-Appell fil-kawża **Lowell vs Lowell**[8], *"Appena huwa neċessarju jingħad illi l-pretensjonijiet tal-intimata fil-konfront tar-rikorrent dwar fondi li allegatament żamm moħbija minnha mhux ser ikunu kawtelati billi l-partijiet jinżammu marbutin b'reġim ta' komunjoni tal-akkwisti iżda billi tieħu dawk ir-rimedji kawtelatorji li l-liġi tpoġġi għad-disposizzjoni tagħha".* Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Josephine Mifsud vs Mario Mifsud**[9] fejn il-Qorti rriteniet illi l-biża li bit-terminazzjoni tal-komunjoni, l-konvenut ser ikun jista' aktar faċilment jaħbi assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti *"ma jikkwalifikax bħala preġudizzju mhux proporzjonat. Il-biża' tal-attriċi jista' jiġi indirizzat b'atti kawtelatorji li hija għandha għad-disposizzjoni tagħha."*

[7] Vide Michelle Gaffiero vs Jesmond Gaffiero, deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-7 ta' Marzu 2018 (Rik. Ġur. Nru. 223/17/1AL).
[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-20 t'Ottubru 2015 (Rik. Ġur. Nru. 139/12 RGM).
[9] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Ottubru, 2014 (Rik. Ġur. Nru. 133/2012/3RGM).

L-attriċi tilmenta illi dak l-ass li tant ħadmet għalih u li jifforma l-akbar ass li għandhom il-partijiet għaliex kien l-investiment tagħhom fiż-żwieġ, qed igawdi biss il-frott tiegħu l-konvenut u jkun wisq inġust u ta preġudizzju għaliha li hija ma jkollha l-ebda dritt fuq nofs il-frott ta' dan l-ass li jifforma parti mill-komunjoni għaliex il-komunjoni tiġi terminata qabel is-sentenza finali.

Il-Qorti hawn tibda biex issemmi l-każ meta parti toġġezzjona għat-terminazzjoni tal-komunjoni għaliex tgħid li trid tibqa' tgawdi mis-salarju tal-parti l-oħra. Il-Qorti hi tal-fehma, kif pronunzjat mill-Qrati tagħna diversi drabi, li tali raġunament ma jikkwalifikax bħala preġudizzju mhux proporzjonat li jżomm il-Qorti milli takkolta t-tali talba għal waqfien tal-komunjoni. Il-Qorti tifhem li jkun iktar vantaġġuż għall-parti li tkun qed ddaħħal inqas introjtu li l-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti, sabiex jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-parti l-oħra għal iktar tul taż-żmien, madankollu r-riskju jkun illi dak li jkun jista' jieħu vantaġġ mill-fatt illi qiegħed igawdi l-frott tal-ħidma tal-parti l-oħra u jtawwal il-proċeduri inutilment. Kif jingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Annabelle Cachia vs Julian Cachia**[10] "*meta parti f'separazzjoni tieqaf tgawdi l-frott tal-ħidma jew tal-assi li jappartjenu lill-parti l-oħra, dan ma jikkostitwixxiex preġudizzju iżda huwa konsegwenza naturali tal-firda.*

*Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi meta l-ħajja miżżewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proċeduri tal-firda, għaliex jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieħed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat."*

[10] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Frar, 2019 (Rik. Ġur. Nru. 96/18/2AL).

Għalkemm wieħed jista' jqabbel din il-pożizzjoni mal-pożizzjoni fil-każ odjern, il-Qorti tħoss li l-każ preżenti huwa differenti. F'dan il-każ, l-introjtu huwa minn ass tal-komunjoni u l-Qorti temmen illi ma hux ġust illi l-attriċi tieqaf tgawdi f'dan l-istadju mill-frott ta' ass li jappartjeni lilha daqs kemm jappartjeni lill-konvenut. Fil-kawża **RM Vs JM**[11] l-konvenuta opponiet minħabba li qalet li *"jekk tintlaqa' din it-talba il-profitti kollha tas-socjetajiet mid-data ta' meta tintlaqa' ser immoru direttament ghand ir-rikorrent u hi titlef dak il-profitt kollu meta s-socjetajiet gew ifformati waqt iz-zwieg u meta hi qed tippretendi dritt fuq nofs l-azzjonijiet taz-zewg kumpaniji."* Il-Qorti qalet illi mingħajr stampa ċara (minħabba l-istadju tal-provi) ta' dak li jifforma parti mil-komunjoni u dak li hu parafernali għadu kmieni wisq sabiex jittieħed kwadru aktar ċar tal-konsistenza tal,-komunjoni tal-akkwisti, biex din tiġi terminata u ma toħloqx "preġudizzju sproporzjonat" għall-konvenuta.

L-istess f'din il-kawża l-Qorti tħoss li minkejja li diġà nġabu provi sostanzjali mill-attriċi, l-Qorti għadha ma għandiex stampa ċara tal-*accounts* tal-kumpanija biex tista' tittermina l-komunjoni f'dan l-istadju bil-konvinċiment morali li l-attriċi ma hix ser issofri preġudizzju.

F'kawża simili,[12] kkwotata wkoll mill-attriċi u konfermata fl-Appell, f'ċirkostanzi simili ġie osservat, li l-attur, kien qed jiġġestixxi ass tal-komunjoni tal-akkwisti hu mingħajr ma' l-konvenuta kienet qed tirċievi sehemha mill-istess. Tenut kont taċ-cirkostanzi, il-Qorti ħasset għalhekk li jeżistu l-elementi eċċezzjonali meħtiega *ai termini* tar-raba' sub-inċiż tal-Artikolu 55, biex il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jseħħx f'dak l-istadju.

---

[11]Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Novembru 2023 (Rik. Ġur. Nru: 101/2023 AGV) Pendenti appell.

[12] E sive NC Vs A sive An. C L deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit- 8 ta' Frar 2023 (Rik. Ġur. Nru: 230/21 AGV).

L-attriċi ħadet dawk il-passi li setgħet tieħu billi intavolat mandati ta' Inibizzjoni sabiex il-konvenut ma jkunx jista' jbiegħ jew jitrasferixxi dan l-ass, madanakollu meta wieħed jiġi għall-profitti dawn għandu kontroll fuqhom il-konvenut u l-attriċi tista' titlef kull dritt għal sehemha minnhom. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi in atti jirriżulta li l-preokkupazzjonijiet tal-attriċi huma tali li hija attwalment ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.

Illi tenut kont tas-suespost, f'dan l-istadju, il-Qorti temmen illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jista' jirreka preġudizzju mhux proporzjonat lill-attriċi u konsegwentement il-Qorti mhijiex ser tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju. Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin mertu tal-kawża tas-separazzjoni personali bejniethom.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tal-konvenut hekk kif dedotti fir-rikors tiegħu datat 4 ta' Marzu 2024.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.